PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10500 — PSPIB/ADIC/Local)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 426/09)

1. Fit-12 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Public Sector Pension Investment Board ("PSPIB", il-Kanada),

— Abu Dhabi Investment Council Company P.J.S.C ("ADIC", l-Emirati Għarab Magħquda), li tappartjeni għal Mubadala Investment Company li hija proprjetà kollha kemm hi tal-Gvern tal-Emirat ta' Abu Dhabi,

— B2R Local No. 1 Pty Ltd ("Local", l-Awstralja), impriża bi sħab (joint venture, JV) ġdida.

PSPIB u ADIC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta'Local.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— PSPIB: ġestjoni ta' portafoll globali diversifikat inklużi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat;

— ADIC: it-tħaddim ta' strateġiji ta' investiment diversifikati globalment immirati lejn redditi pożittivi ta' kapital permezz ta' portafoll espansiv ta' klassijiet ta' assi diversifikati ħafna u strateġiji attivi ta' ġestjoni tal-investiment,

— Local: tħaddim ta' negozju speċjalizzat fl-iżvilupp u l-ġestjoni tal-proprjetà immobbli mill-bini sal-kiri u li jinkludi l-akkwist, l-iżvilupp, il-ġestjoni u t-tħaddim ta' proprjetajiet residenzjali fi bliet ewlenin Awstraljani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10500 — PSPIB/ADIC/LOCAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË